# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru: 1446/2022**

(Rikorrenti)

**Gordon Anthony Grixti (KI: 442872)**

**Kontra**

(Intimati)

**L-Awtorita' tad-Djar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Gordon Anthony Grixti (ir-rikorrent) tas-26 ta' Ottubru 2019.

Rat ir-risposta tal-awtorita' tad-Djar (l-Awtorita' intimata tas-7 ta' Novembru 2022.

Rat id-dokumenti u atti kollha f'dawn il-proċeduri.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera.*

**Konsiderazzjonijiet:**

Ir-rikorrent rċieva ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 9(9) tal-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta. Minħabba f'hekk, ir-rikorrent intavola l-proċeduri opportuni l-ewwel quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. It-talbiet ġew miċħuda minn dak it-Tribunal permezz ta' Sentenza tad-19 ta' Lulju 2021 fejn ġie ordnat l-iżgumbrament tiegħu mill-fond mertu ta' dawn il-proċeduri. Preċiżament it-Tribunal qal hekk fost oħrajn "jipprefiġġi terminu perentorju ta' sittin (60) ġurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex ir-rikorrenti jiżgombraw u jneħħu kull oġġett mobbli appartenenti lilhom mill-fond Block 2, 1st Floor, Triq Sant'Andrija, Valletta" (Emfażi tal-Qorti).

Ir-rikorrent interpona appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell minn din is-Sentenza. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-Sentenza tat-Tribunal. Reġa' presenta proċeduri oħrajn, din id-darba quddiem il-Prim'Awla Qorti Ċivili, fejn it-talbiet tiegħu ġew għal darba oħra riġettati permezz ta' Sentenza tat-23 ta' Settembru, 2022 fejn fost oħrajn il-Qorti stabbilit li r-rikorrent ma għandu ebda titolu. Sar appell minn din l-aħħar Sentenza li għadu pendenti.

Dak li jrid ir-rikorrent b'dawn il-proċeduri hu, li din il-Qorti iżżomm lill-Awtorita' intimata milli tipproċedi bil-proċeduri biex tiżgombra. Għalkemm ma jingħadx espressament mir-rikorrent, l-effetti ta' din it-talba huma li jissospendu is-Sentenza tat-Tribunal fuq imsemmi fejn ordna l-iżgumbrament. Għalhekk l-emfażi fuq imsemmija tal-Qorti fuq il-parti tad-decide ta' dak it-Tribunal.

Ir-rikorrent issaħħaħ it-talbiet tiegħu billi jgħid, li abażi li l-Awtorita’ intimata ma għandiex titolu għall-propjeta’ u li din ma setgħetx taġixxi u tamministra ai termini ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 2 tal-Kap 573 tal-liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tibda biex tirrileva, li fi proċeduri bħal dawn ma għandiex tidħol fis-sustanza tal-mertu tad-dritt pretiż. Din il-kwistjoni tinsab quddiem il-Qorti tal-appell. Aktar minn hekk, dawn it-tip ta’ proċeduri ma għandhomx jintużaw biex jintlaħaq skop li liġi ma tippermettihx. B’dak li jrid ir-rikorrent huwa, li din il-Qorti effettivament twaqqaf provisorjament lill-Awtorita’ intimata, milli tesegwixxi s-Sentenza tat-Tribunal ossia l-iżgumbrament tar-rikorrent.

Dan il-liġi tippermettiħ f’sitwazzjonijiet ristrettissimi, bħal per eżempju taħt artikolu 823(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet, f’każ ta’ talba għar-ritrattazzjoni. Il-mandati ma għandhomx jintużaw biex bihom jintlaħqu oġġettivi li ma humiex permessibbli mill-liġi jekk mhux fil-każijiet li jissemmew mill-liġi.

Għalhekk dak li qiegħed jintalab huwa inattentibbli fil-liġi. Imma anke li kieku din il-Qorti kellha teżamina jekk ir-rikorrent għandux *prima facie* dritt li jikkawtela l-pretensjoni u jedd, ma tistax tifhem, kif tista’ tasal għal dan wara tlett Sentenzi li rriġettaw pretensjonijiet li issa qiegħdin jitressqu quddiem din il-Qorti. Tfakkar lir-rikorrent, li fir-rikors ma jgħidx li ser jippreżenta xi kawża oħra, imma propju għaliex diġa’ hemm waħda għadha taħt appell.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrent u konsegwentement tħassar għal kollox id-digriet tagħha tad-9 ta’ Novembru 2022.

Spejjeż għar-rikorrent.

**Illum 14, ta’ Novembru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**